MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 3/2004

**Commonwealth Educational Society Limited ta' Nassau, Bahamas kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Antonia Aquilina**

**Vs**

**Ivan Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm164.63c (mija u erbgha u sittin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut ai termini tal-iskrittura datata 13 ta' Settembru 1999.

Bl-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-prezentata tal-ittri ufficcjali tas-6 ta' Dicembru 2002 kif ukoll l-ispejjez tat-talba, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lill-Pl Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------